B 1933

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,132, 17 ta' Ottubru, 2023
Taqsima B

A.L. 241 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2023 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Banking and Finance – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Banking and Finance – M.Sc. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Banking and Finance – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 134 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2023 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Banking, Investments and Finance – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy."

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Banking, Investments and Finance – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Banking, Investments and Finance – M.A.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Banking, Investments and Finance – M.A.;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Banking, Investments and Finance – P.G. Cert.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Banking, Investments and Finance – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad ta' Bachelor fil-Banking and Finance minn din l-Università, miksub mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(b) il-grad ta' Bachelor of Commerce with Banking and Finance bħala wieħed miż-żewġ oqsma ta' studju ewlenin, miksub mill-inqas f'Kategorija II; jew

(c) grad mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II, fi kwalunkwe qasam ieħor meqjus relevanti mill-Bord tal-Istudju; jew

(d) kwalifika meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, li tkun komparabbli mal-kwalifiki mniżżla f'paragrafi (a), (b) u (c) ta' dan l-ordinament;

diment li, f'każijiet xierqa, il-Bord jaf jeħtieġ lill-istudenti li daħlu fil-Kors sabiex isegwu u jgħaddu minn taqsimiet-studju supplimentari li għalihom hemm assenjati massimu ta' 12-il krettu ECTS minbarra l-programm ta' studju speċifikat fl-ordinament 6."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li jeħlu f'aktar minn taqsima-studju waħda mgħallma wara li jkunu lestew il-valutazzjonijiet u l-valutazzjonijiet mill-ġdid kollha permessi għat-taqsimiet-studju mgħallma kollha fil-programm, ikunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors."